MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 590/2004

**Godwin Mifsud f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta Margod Investments Limited**

**Vs**

**Claire Satariano**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, hames mija, erbgha u tlettin lira Maltin (LM3,534), rapprezentanti bilanc ta' tletin kambjala dovuti w maturati. Il-konvenuta nterpellata ripetutament baqghet inadempjenti. Il-Kambjali huma annessi w immarkati bhala Dok. GM 1 –Dok. GM 16.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta 'n subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuta kif prezentata l-Qorti nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2005 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok in nuqqas ta' *locus standi* tas-socjeta attrici Margod Investments Limited.

2. Fit-tieni lok billi l-kambjali mhumiex esebiti fl-original taghhom, iridu qabel xejn, jigu esebiti fl-original taghhom u meta jsir hekk, l-konvenuta tirriserva li taghti eccezzjonijiet ulterjuri skond dak li jigi esebit.

3. Fit-tielet lok in-nullita tal-kambjala u dan stante li jirreferu ghall-obbliazzjoni bla kawza li bhala tali ma tistax tigi nforzata.

4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, illi l-konvenuta saret taf li l-fond mibjugh lilha u li dwaru jittrattaw il-kambjali, cioe Flat 4B, "Godwin's Court", Triq Carmen Mallia, San Gwann, huwa wiehed mhux kopert bil-permessi mehtiega kontra dak li gie mwieghed lilha, w ghaldaqstant il-kunsens taghha huwa vizzjat bi frodi.

5. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi f'kaz li din l-Qorti jghogobha tilqa t-talbiet attrici, hija ghandha taghmel dan, billi tordna lill-atturi jew min minnhom jaghtu garanzija adegwata u dan a tenur ta' l-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunta 'n subizzjoni.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2005 l-attur pprezenta l-kambjali originali, liema kambjali jinsabu nseriti fil-process a fol. 32 w immarkati bhala Dok. A 1 sa Dok A 36.

**Godwin Mifsud** xehed nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006 w ikkonferma l-kambjali esebiti minnu. Jghid li l-kambjali huma ffirmati minn Claire Satariano, l-konvenuta, personalment.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2008 huwa rega' xehed w ikkonferma li l-permessi relattivi mill-Awtoritajiet kompetenti dwar il-*flat* li kien in vendita, kienu hargu fis-sena 2007.

**Claire Satariano** l-konvenuta, xehdet nhar is-sbatax (17) t'Ottubru 2007 fejn stqarret li sid l-appartament li xtrat gewwa San Gwann, huwa l-attur, li huwa habib tal-familja taghha u li 'n effetti hemm ukoll xi parentela. Tiftakar li *weekend* minnhom kienet semmiet li xtaqet tixtri xi appartament mal-*boyfriend* taghha u dan kien qalilha li kellu xi *flats* ghal biegh f'San Gwann.

Ikkonfermat li kienet marret tara dawn il-*flats* li kienu ghadhom *shell* bin ibis minghajr *plumbing* u elettriku. Hija interessat ruhha f'wiehed minn dawn il-*flats* w ghamlet konvenju relattiv fuq *flat* minnhom. Hija esebiet il-konvenju li kellha mal-attur li gie mmarkat bhala Dok. CSH u l-kuntratt relattiv li gie mmarkat bhala Dok. CSH 1. Tghid li huwa kien offrilha li jew tixtri l-*flat* ghal prezz ta' tmintax il-elf lira Maltin (LM18,000) u tlesltih hi jew li tixtrih tnejn u tlettin elf lira Maltin (LM32,000) u jlestihula hu. Effettivament xtrat l-post ghal prezz ta' tmintax-il elf lira Maltin (LM18,000). Qalet li ghamlet l-art u l-*bathrooms,* pero l-bibien ma kienux jiffurmaw parti mill-ftehim li kellhom.

Qalet li darba minnhom kienet marret gara taghha fuqha u qaltilha li l-*flat* li kienet xtrat, ma kienx kopert bil-permessi relattivi u dan filwaqt li hija kienet ghadha thallsu. Hija hadet din l-informazzjoni bi kbira w iddecidiet li twaqqaf il-kumplament tal-pagamenti, kif kien issuggerilha li tghamel missierha. Tghid li l-attur qalilha li nonostante li verament l-*flat* ma kienx kopert bil-permessi, hija xorta kellha thalsu tal-kambjali li kienet iffirmat.

Qalet li l-permess relattiv mill MEPA hareg fuq *two bedroomed flat*, izda hija kellha *three bedrooms*.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Gunju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuta, fl-ewwel eccezzjoni taghha, tghid li s-socjeta attrici ma kellhiex *locus standi* f'din il-kawza.

Il-Qorti rat li din hija azzjoni kambjarja bazata fuq il-kambjali esebiti.

Minn ezami taghhom jirrizulta li s-socjeta attrici m'ghandhiex parti fihom, la bhala kreditrici u wisq inqas bhala debitrici w ghalhekk m'hemmx dubbju li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi milqugha.

Fit-tieni eccezzjoni, l-konvenuta eccepiet li l-kambjali originali kellhom jigu esebiti, sabiex b'hekk hija tkun f'posizjoni li tipprezenta ecezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-attur aderixxa ruhu w ipprezenta l-kambjali originali w ghalhekk tali eccezzjoni illum tinsab ezawrita fil-mertu.

Jigi rilevat pero, li l-konvenuta, 'n effetti, ma pprezentat l-ebda eccezzjoni ulterjuri dwar il-kambjali, una volta dawn gew prezentati fl-original taghhom.

Dwar il-mertu, l-Qorti thoss li ghandha taghmel l-konsiderazzjonijiet segwenti:-

Illi fis-sentenza **Mario Agius et vs Doris Pulo** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'April 2001, dik l-Onorabbli Qorti ttrattat in-natura ta' din l-azzjoni.

Infatti intqal:-

1. *‘L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala, ma jistghux idewwmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*
2. *Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f’kawza ghaliha, u sadanitant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingharjha skond ma jidhrilha l-Qorti, m’ghandhiex tkun imdewma.’*

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi, gie kemm il-darba mfisser minn dawn il-Qrati.

Illi l-Qorti ta l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **Guillaumier Industries Ltd vs Victor Vella et deciza fl-erbgha (4) ta’ Dicembru 1998** dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet hekk:-

‘*Illi a bazi ta’ dan l-Artikolu, gie deciz li l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta’ kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita possibli......’ Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkostanzi tal-krediti u d-dejn sabiex tirrispetta u kemm jista jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animat mill-istess esigenzi*.’

*‘Biex tassigura din ic-celerita l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjaw il-kanonizazzjoni t’import ta’ kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikunu ta’ facile soluzzjoni.’* (vide **John Portelli noe vs Joseph Sullivan** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar is-sbatax (17) t’Ottubru 1987).

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza **Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gat noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar il-hmistax (15) ta’ Novembru 1993:-

‘*Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obbligazzjoni ad hoc, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha.*

*Ghalhekk f’kawza bhala din, l-eccezzjonijiet ammissibbli, huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola, m’ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti’.*

Illi l-istess arangament, gie segwit f’diversi sentenzi fosthom ‘**John Mary Sammut vs Michael Cassar** (Appell Kummercjali datat erbatax (14) t’Ottubru 1991) u **George Zahra vs Alfred Borg** deciz mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t’April 1995, fejn il-Qrati rreferew ghall-gurisprudenza konstanti, li fl-azzjoni kambjarja, huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala ‘n kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha, inoltre f’xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi. (Vide **Vol XX1X p 1 p 1528 – Vol. XX1X 1.1136**) u l-istess **John Portelli noe vs Charles Vella** (Qorti tal-Kummerc datat tletin (30) t’Awissu 1989).

Dawn il-principji gew ikoll elenkati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell nhar il-hamsa (5) t’Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet **Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited** u **Charles Pool v Carmelo Mercieca** deciza nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta’ Mejju 2003.

Illi dwar dan, kien hemm temperament fis-sentenza **Joseph Lia vs Alfred Dalli** (Qorti tal-Kummerc deciza nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ Jannar 1989), li ghalkemm sostniet li l-artikolu 189 japplika meta tali kambjala jkunu girati w anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet permissibli meta din tolqot l-esistenza tal-kambjala stess, bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo, (Vol. XXX1X. 111.845) w ghalhekk iriteniet, li tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz t’azzjoni ohra u permezz t’azzjoni *ad hoc*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Salamone vs Rao** datata disgha (9) ta’ Frar 1906 moghtija mil-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal li:-

‘*Attesoche le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all’ attore, sono di lunga indagine e quindi,*

*second il disposto nell-**articolo 181** dell'Ordinanza X11 del 1857, la loro cognizione dev'essere rmandata a separato giudizio.'*

Illi ukoll fl-erbgha (4) ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Scicluna** qalet li:-

'*Attesoche secondo la pratica costante di questo tribunale, il pagamento di una cambiale accettata e scaduta, viene sempre ordinate quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno.'*

Fl-ahharnett, fl-ghaxra (10) ta' Mejju 1913, fil-kawza fl-ismijiet **Sultana vs Pecorella** gie riaffermat li:-

***'**Atteso che per legge espresso eccezioni di lunga indagine come quella apposte dal convenuto, non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione, e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio.'*

Illi konferma ta' din, hija s-sentenza moghtija fl-ismijiet **Tabone vs Camilleri** deciza nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 1939, li qalet li:-

'*Illi huwa veru li skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistghax tigi definita malajr, ma hijiex ammissibli meta biha jkun retardat il-pagament. Pero hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relattivi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawn l-eccezjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju l-inkapacita li hija egolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relattivi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data tal-emmissjoni tal-kambjali*.'

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **Eminyan vs Mc Kay** deciza fid-disgha (9) t'April 1940 tant li nghad li:-

*'Illi skond l-**Artikolu 181** ta' l-Ordinanza X11 ta' l-1857, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali, ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali, jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronto. Ghalhekk l-eccezzjoni li ta l-konvenut, ma tistghax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali.'*

Illi tant huwa minnu dan, li fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 1940, bid-decizjoni fl-ismijiet **Staines vs Trapani** kkonfermat li:-

*'Illi jekk dina l-pretensjoni ma kienitx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi, tista tillikwidha peress li tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata. U skond l-A**rtikolu 181** ta' l-Ordinanza X11 ta' l-1857, 'exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined.'*

U fil-kaz pezenti, l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif fil-fatt giet, peress li setghet tigi definita malajr.

Illi dawn il-principji gew ukoll konfermati mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe** deciza nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 1937 ikkonkludiet hekk:-

'*Infatti l-**artikolu 181** tal-Kodici Kummercjali jistabilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal posessuri tal-kambjali, ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk m'humiex likwidi u 'di pronto soluzione'. Jekk imbaghad huma t'indagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, w il-kundanna tal-kambjali ma tistghax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitrju tal-Qorti*.'

Illi dan kollu gie konfermat fis-sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Francis Portanier vs Abdel**

**<u>Moez Mohammed Aly et</u>** deciza fit-tnax (12) ta' Dicembru 2001 u **<u>John Giordmaina et vs Joseph Pace</u>** deciza nhar is-sittax (16) ta' Jannar 2003.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, w in vista ta' dak kollu premess, din il-Qorti tasal biex tikkonkludi, li ghandha tichad lit-tielet eccezzjoni mressqa mill-konvenuta. Illi l-konvenuta, bla ebda mod m'ikkontestat li l-kambjali mertu tal-kawza odjerna, gew debitament mahruga w iffirmati minnha kif jidher mill-istess kambjali esebiti a fol. 33 tal-atti.

Illi lanqas ma tqajjmet xi eccezzjoni dwar il-validita o meno taghhom. Ir-raguni ghalfejn dawn effettivament gew mahruga, huwa kompletament irrelevant ghall-mertu tal-azzjoni odjerna. Infatti, kif diga kkwotat li qal il-mibki **Professur Rene Cremona** fin-noti tieghu:-

'*The moment a person signs the bill of exchange... the obligation arising from that signature, is considered to be complete in itself, it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by its bill with the signatures placed thereon. <u>Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill</u>*<u>.' (sottolinear ta' din il-Qorti).</u>

Illi mill-provi prodotti, ma jidhirx li l-ammont mitlub mill-attur Godwin Mifsud huwa kontestat, u dan ghaliex fil-fatt l-konvenuta, fix-xhieda taghha tghid li hija kienet qed taghmel l-pagamenti dovuti u waqfet ghaliex missierha qalilha biex ma thallasx aktar peress illi l-proprjeta li kienet xtrat, allegatament ma kienitx koperta bil-permessi relattivi.

Issa, kif intqal, il-kambjala ghandha natura awtonoma w indipendenti mit-transazzjoni li minnha tohrog. Inoltre hija fin-natura taghha stess, li hi strument kummercjali mahluq biex jassigura heffa w ghaggla fic-cirkostanzi tal-krediti u

d-dejn u kwindi, ladarba l-kambjali 'n kwistjoni gew iffirmati u ma giex ppruvat sodisfacentement li kien hemm hlas, lanqas in parte fuqha, it-talbiet tal-attur Godwin Mifsud, ghandhom jintlaqghu. Ovvjament dan l-oneru kien jinkombi fuq l-konvenuta, liema oneru l-istess konvenuta naqset li tossodisfa. Jigi rilevat li fil-fatt il-konvenuta qatt ma cahdet li 'n effetti kellha thallas is-somma mitluba fl-avviz.

Il-Qorti tirrileva li dak li l-konvenuta eccepiet fit-tielet eccezzjoni taghha, semmai kellu jifforma l-kawzali ta' kawza ohra ndipendenti minn dik odjerna.

**Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, fis-sens illi s-socjeta attrici m'ghandhiex *locus standi* f'din il-kawza, qieghda tirrispingi l-eccezzjonijiet l-ohra, u tilqa t-talba tal-attur Godwin Mifsud.**

**L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta salv dawk konnessi mal-ewwel eccezzjoni taghha, li ghandhom jigu sopportati mill-attur Godwin Mifsud.**

**L-imghax jithallas mill-konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------